MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 459/2008

**T W**
**vs**
**R W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur jippremetti: li l-kontendenti zzewwgu fl-24 ta' Settembru 1977; li dan iz-zwieg huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta'Malta; u qed jitlob li dan iz-zwieg jgi dikjarat null fil-ligi;  bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta tiddikjara li hi taqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ikkuntrattat fl-24 ta' Settembru 1977 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet, jew ta' wahda minnhom, kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq indikati; prezumibbilment b' mod alternattiv.

Minn naha taghha l-konvenuta rregistrat il-qbil taghha ma din it-talba;

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Settembru 1977 meta allura l-attrici kellha 17-il sena, u l-konvenut kellu 21 sena, u meta l-konvenuta kellha tlett xhur tqala' mill-attur. Wara z-zwieg dawn marru jghixu l-Amerika fejn dak iz-zmien kien joqghod missier il-konvenuta, u hemm damu circa ghaxar snin li matulhom kellhom tlett-it tfal li twieldu rispettivament fl-24 ta' Marzu 1978, fil-11 ta' Marzu 1986 u fis-6 ta' Marzu 1987. Sussegwentement nizlu Malta fis-sena 1987, u l-inkwiet matrimonjali pprecipita fis-sena 1993 bir-rizultat li s-separaw de facto wara konvivenza matrimonjali ta' sittax-il sena. Fl-24 ta' Gunju 2006 huma sseparaw gudizzjarjament.

*Verzjoni Attur*
In sostanza l-attur jghid li meta skoprew li l-konvenuta, allura gharusa tieghu kienet, huwa kien gie mbezza' mill-familjari tal-konvenut, u sfurzat sabiex jizzewwigha. "Kollha sfurzawni biex nizzewwigha."[1]

Jghid li l-problemi fiz-zwieg kienu dovuti ghall-indhil da parti ta' missier il-konvenuta, u anke t-tixwix da parti ta' ommha li fis-sena 1993 wassal ghas-separazzjoni. Jghid ukoll li kien hemm l-infedelta' da parti tal-konvenuta, kif

[1] Fol.31

ukoll il-fatt li l-konvenuta kienet inqabdet tisraq minn hanut.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tghid li meta hi kienet harget tqila, il-partijiet iddecidew li jizzewwgu, ghalkemm tghid li tahseb li ommha kienet qaltilha wkoll biex tizzewweg. Hija tghid li l-attur kien kattiv maghha, u kien ihalliha nieqsa mill-flus. Kien isawwatha u ried li kollox isir kif jghid hu.

Il-konvenuta tammetti li lejn l-ahhar tal-konvivenza hija kienet marret darba ma' ragel iehor sabiex dan idahhlilha t-tifel fl-impieg; u tghid li hija kienet ghamlet dan l-adulterju wkoll biex tivvendika ruhha minn zewgha. Tghid li din kienet okkazzjoni ta' darba. Inoltre, tammetta li meta kienu ghadhom jghixu l-Amerika kien hemm okkazzjoni meta hija kienet inqabdet tisraq minn hanut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehma li dak allegat mill-partijiet ma jirrizultax sodisfacentement sostnut mill-provi, anzi jirrizulta in parte kontratastat mill-istess. Fil-fatt f' din il-kawza xehedu huma biss.

In propozitu jigi osservat li fid-depozizzjoni tieghu, l-attur l-ewwel jghid li l-inkwiet matrimonjali beda bejn is-snin 1978 u 1979 meta miet missier il-konvenut, filwaqt li fl-istess nifs jghid "nzilna Malta fis-sena 1987, u mbaghad beda l-inkwiet".[2] Inoltre, il-konvenuta fix-xhieda taghha, filwaqt li tghid li hi ma kienitx tirrapporta lill-attur, allura gharus taghha, talli kien jahqarha, fl-istess nifs tghid li hi kienet ghamlet hekk ghax kienet thobbu; izda mbaghad, ukoll fl-istess nifs, tghid li kieku ma hargitx tqila "ma nahsibx li kont nizzewweg"; ukoll, fl-istess depozizzjoni tghid li, ghalkemm "nahseb li ommi" kienet qaltilha biex tizzewweg, il-konvenuta tghid li "ahna ridna nizzewwgu"[3]

[2] Fols.37-38
[3] Fols. 54 - 55

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet, jew xi hadd minnhom kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali, jew li ma kellhomx xi dixxerniment tad-drittijiet u obbligi taz-zwieg; kif lanqas ma jirrizulta li xi hadd minnhom inerentement eskluda b' mod pozittiv xi obbligu essenzjali ghaz-zwieg.

Il-provi juru li l-partijiet ikkonvivew fil-hajja konjugali ghal circa sittax-il sena, li matulhom kellhom tlett-it tfal b' intervalli ta' tmein snin u ta' sena. Huwa minnu li eventwalment, tard fil-konvivenza, il-konvenuta f' okkazzjoni ta' darba ghamlet adulterju, izda dan ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni ndikata fil-paragrafu precedenti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg m' hijix sostnuta mill-provi, u ghalhekk qed tigi respinta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------